MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2010

Numru 26/1999

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**OMISSIS;**
**U CHARLES SIVE CHARLOT CUTAJAR ta' 47 sena, iben il-mejjet Dominic u Odette nee' Giocosa, imwieled Bormla nhar it-18.05.1963, residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 275 063M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **CHARLES SIVE CHARLOT CUTAJAR** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firem ta' Alfred Zammit, Mary Zammit, u persuni ohra, fuq cekkijiet tal-Mid Med Bank u banek ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli ffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe' cekkijiet tal-Mid Med Bank u banek ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm500.00 bi hsara ta' diversi persuni, fosthom Mayer Pharmacy ghall-ammont ta' Lm27.00, Bikes and Company ghall-ammont ta' Lm77.00, Inkspot ghall-ammont ta' Lm29.95, D Tanti and Company Ltd ghall-ammont ta' Lm36.60, Data Pad ghall-ammont ta' Lm105.00, Potters Chemists ghall-ammont ta' Lm17.77, Aronne Brincat ghall-ammont ta' Lm125.00, Mid Med

Bank, Max Diner Take-Away u persuni ohra bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxiehom jew ibieghhom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali bid-data 31.07.1995, 13.02.1996, 06.12.1996, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li fil-kors ta' dawn il-proceduri, anke wara li saru zewg interrogatorji minhabba zieda fl-akkuza, saret separazzjoni ta' gudizzju in kwantu ammissjoni ta' l-imputati, ghalhekk dawn il-proceduri huma biss fil-konfront ta' Charlot Cutajar;

Rat li darba li rega' sar it-tieni nterrogatorju minhabba z-zieda ta' l-akkuzi, Charlot Cutajar wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll ghalhekk il-kunsens ta' l-Avukat Generali ezebit a folio 18;

Rat pero li l-istess Charlot Cutajar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, irregistra ammissjoni ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat ukoll il-Pre-Sentencing Report redatt fil-konfront ta' Charlot Cutajar mill-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit. Semghet ukoll lil Dr Joseph Spiteri dwar il-progress li kien qieghed jaghmel l-imputat Cutajar gewwa l-Forensic Unit.

Semghet ukoll lill-imputat minn jeddu li jidher issa li gharaf li frankament s'issa hela hajtu, u li kien lest jipprova almenu jaghmel pass pozittiv ghal daqshekk.

Illi in vista’ ta’ l-ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 183, 184, 167, 169, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ma setghetx il-Qorti tinfliggi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu ebda spejjez ma gew hekk kwantifikati.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali ta’ l-imputat, qieset kemm dak li qalet l-Ufficjal tal-Probation u Dr Joseph Spiteri, qieset li ghandu jbaghti piena karcerarja effettiva ta’ sena (1), b’dan illi qieghed jigi rakkomandat illi biex ma jigix b’ebda mod imfixkel il-progress ta’ l-imputat, dan jiskonta tali piena gewwa l-Forensic Unit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------